Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

# Dikjarazzjoni tar-reġjuni u l-bliet tal-Unjoni Ewropea dwar is-solidarjetà mal-Ukrajna

3 ta' Marzu 2022

EUROPEAN SUMMIT OF REGIONS AND CITIES

MARSEILLE
PROVENCE-ALPES-CÔTE D'AZUR
FRANCE

3 – 4 MARCH 2022

Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

# Dikjarazzjoni tar-reġjuni u l-bliet tal-Unjoni Ewropea dwar is-solidarjetà mal-Ukrajna

3 ta' Marzu 2022

*Is-Summit tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni f'Marsilja fit-3 u l-4 ta' Marzu 2022, bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 2 000 rappreżentant tal-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-Unjoni Ewropea, li jirrappreżentaw aktar minn miljun sindku u mexxej politiku elett fil-livell lokali u reġjonali,*

*jappoġġjaw unanimament lill-poplu tal-Ukrajna, u jaqblu dwar dan li ġej:*

Jikkundannaw bil-qawwa l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata mill-President Russu Putin kontra l-Ukrajna libera. Dan huwa att kriminali kontra l-poplu tal-Ukrajna, u s-sovranità u l-integrità territorjali tagħha. Barra minn hekk, din l-aggressjoni tikser id-dritt internazzjonali, l-ordni dinji tagħna bbażat fuq ir-regoli, u tipperikola s-sistema kollha ta' sigurtà u stabbiltà fl-Ewropa;

Il-bliet u r-reġjuni Ukreni huma l-imsieħba diretti tagħna: aħna, is-sindki u l-mexxejja reġjonali mis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, intennu s-solidarjetà sħiħa tagħna magħhom; ninsabu lesti li nressqu quddiem il-gvernijiet rispettivi tagħna u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea l-appell tagħhom biex jiġu imposti l-aktar sanzjonijiet severi possibbli fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa;

Nappellaw għal assistenza immedjata liċ-ċittadini tal-Ukrajna permezz tal-iskattar rapidu tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili għall-assistenza umanitarja mill-Kummissjoni Ewropea; ninsabu lesti li nimmobilizzaw il-kapaċitajiet tal-bliet u r-reġjuni biex tingħata għajnuna umanitarja lill-Ukrajna fuq talba tas-sindki tagħha; inħeġġu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jgħinu lill-poplu Ukren li ġie mġiegħel jaħrab minn daru u jsib rifuġju fil-bliet u r-reġjuni Ewropej;

Nappellaw sabiex l-appoġġ tal-UE jingħata lir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE mal-Ukrajna sabiex l-awtoritajiet jiġu megħjuna jilqgħu u jassistu lir-rifuġjati li ġejjin mill-Ukrajna, li għandhom jingħataw status ta' rifuġjati skont id-dritt tal-UE dwar l-ażil permezz ta' proċeduri aċċellerati ta' emerġenza;

Il-futur tal-Ewropej kollha jista' jiddependi biss mid-demokrazija u l-istat tad-dritt bħala pilastri tal-paċi u l-prosperità; jeħtieġ li tissaħħaħ il-perspettiva Ewropea offruta lill-Ukrajna, pajjiż sovran, lill-poplu tiegħu u lill-bliet u r-reġjuni tiegħu bħala deterrent għal kwalunkwe tentattiv biex jirritorna għall-passat totalitarju: ħadd ma għandu jikkomprometti l-għażla tal-poplu għal-libertà;

Infaħħru s-saħħa u l-kuraġġ tal-poplu Ukren u ninsabu f'solidarjetà sħiħa miegħu. Nappellaw lill-gvernijiet lokali u reġjonali kollha fl-Unjoni Ewropea biex jappoġġjaw lill-Ukrajna f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

Jeħtieġ li l-President Putin itemm il-gwerra tiegħu!

Libertà għall-Ukrajna fl-Ewropa!

MT

Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, li nħoloq fl-1994, huwa l-assemblea politika tal-UE ta' 329 rappreżentant reġjonali u lokali bħall-presidenti reġjonali jew is-sindki tal-bliet minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, u jirrappreżentaw aktar minn 446 miljun Ewropew.

Rue Belliard/Belliardstraat 101 | 1040 Bruxelles/Brussel | BELGIQUE/BELGIË | Tel. +32 22822211
www.cor.europa.eu | @EU_CoR | /european.committee.of.the.regions
/european-committee-of-the-regions